EGESIF_14-0010-final
18/12/2014

Il-KUMMISSJONI EWROPEA

Il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej

# Gwida għall-Kummissjoni u l-Istati Membri dwar metodoloġija komuni għall-valutazzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll

# fl-Istati Membri

**DIKJARAZZJONI TA' ĊAĦDA TA' RESPONSABBILTÀ**

"*Dan huwa dokument ta' ħidma mħejji mis-servizzi tal-Kummissjoni. Abbażi tal-liġi applikabbli tal-UE, dan jipprovdi gwida teknika għall-kollegi u l-korpi involuti fil-monitoraġġ, il-kontroll jew l-implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej dwar kif għandhom jiġu interpretati u applikati r-regoli tal-UE f'dan il-qasam. L-għan ta' dan id-dokument huwa li jipprovdi l-ispjegazzjonijiet u l-interpretazzjonijiet tas-servizzi tal-Kummissjoni tar-regoli msemmija sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-programm u biex titħeġġeġ prattika/i tajba/in. Din il-gwida hija bla preġudizzju għall-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali jew tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni.*"

# Werrej

LISTA TA' AKRONIMI U ABBREVJAZZJONIJIET ............ 4

1. Il-kuntest ............ 5

1.1. Ir-referenzi regolatorji ............ 5

1.2. L-għan tal-gwida ............ 5

2. Il-gwida ............ 6

2.1. Ir-rekwiżiti prinċipali u l-kriterji ta' valutazzjoni ............ 6

2.2. Il-passi għall-valutazzjoni ............ 6

Anness I – Ir-rekwiżiti prinċipali u l-kriterji ta' valutazzjoni ............ 11

1. Ir-rekwiżiti prinċipali fir-rigward tal- MA u l-IB(s) tagħha ............ 11

Rekwiżit prinċipali 1: Separazzjoni adegwata tal-funzjonijiet u sistemi adegwati għar-rapportar u l-monitoraġġ f'każijiet fejn l-awtorità responsabbli tafda t-twettiq tal-kompiti lil korp ieħor ............ 11

Rekwiżit prinċipali 2: Għażla xierqa tal-operazzjonijiet ............ 11

Rekwiżit prinċipali 3: Informazzjoni adegwata għall-benefiċjarji ............ 12

Rekwiżit prinċipali 4: Verifiki adegwati tal-ġestjoni ............ 13

Rekwiżit prinċipali 5: Sistema effettiva fis-seħħ biex jiġi żgurat li jinżammu d-dokumenti kollha dwar l-infiq u l-awditjar sabiex ikun żgurat rekord adegwat tal-awditjar. ............ 14

Rekwiżit prinċipali 6: Sistema affidabbli għall-ġbir, ir-reġistrazzjoni u l-ħażna ta' dejta għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja, il-verifika u l-finijiet tal-awditjar, inkluż il-kuntatti mal-benefiċjarji permezz ta' sistemi tal-iskambju ta' dejta elettronika ............ 14

Rekwiżit prinċipali 7: L-implimentazzjoni effettiva ta' miżuri proporzjonati kontra l-frodi ... 15

Rekwiżit prinċipali 8: Proċeduri xierqa għat-tfassil tad-dikjarazzjoni tar-responsabbiltajiet ta' ġestjoni u s-sommarju annwali tar-rapporti finali tal-awditjar u tal-kontrolli mwettqa ............ 16

2. Ir-rekwiżiti prinċipali fir-rigward tas-CA u l-IB(s) tagħha ............ 16

Rekwiżit prinċipali 9: Separazzjoni adegwata tal-funzjonijiet u sistemi adegwati għar-rapportar u l-monitoraġġ f'każijiet fejn l-awtorità responsabbli tafda t-twettiq tal-kompiti lil awtorità oħra ............ 16

Rekwiżit prinċipali 10: Proċeduri xierqa għat-tfassil u l-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet għal ħlas ............ 17

Rekwiżit prinċipali 11: Jinżammu rekords kompjuterizzati xierqa tal-infiq iddikjarat u tal-kontribuzzjoni pubblika korrispondenti. ... 18

Rekwiżit prinċipali 12: Rendikont xieraq u komplut tal-ammonti rekuperabbli, dawk irkuprati u dawk irtirati. ... 18

Rekwiżit prinċipali 13: Proċeduri xierqa għat-tfassil u ċ-ċertifikazzjoni tal-kompletezza, il-preċiżjoni u l-veraċità tal-kontijiet ... 18

3. Ir-rekwiżiti prinċipali fir-rigward tal-AA ... 19

Rekwiżit prinċipali 14: Separazzjoni adegwata tal-funzjonijiet u sistemi adegwati li jiżguraw li kwalunkwe korp ieħor li jwettaq awditjar skont l-istrateġija ta' awditjar tal-programm ikollu l-indipendenza funzjonali meħtieġa u jqis l-istandards tal-awditjar aċċettati internazzjonalment. ... 19

Rekwiżit prinċipali 15: Awditi adegwati tas-sistemi ... 19

Rekwiżit prinċipali 16: Awditi adegwati tal-operazzjonijiet ... 20

Rekwiżit prinċipali 17: Awditi adegwati tal-kontijiet ... 21

Rekwiżit prinċipali 18: Proċeduri adegwati sabiex tiġi pprovduta opinjoni tal-awditjar affidabbli u għat-tħejjija tal-ACR ... 22

Anness II: L-evalwazzjoni ta' rekwiżit prinċipali permezz tal-kriterji ta' valutazzjoni u skont l-awtorità ... 23

Anness III: Konklużjoni ġenerali skont is-Sistema ta' ġestjoni u kontroll ... 30

Anness IV: Tabella li tgħaqqad ir-rekwiżiti prinċipali mal-kriterji għall-ħatra ... 31

## LISTA TA' AKRONIMI U ABBREVJAZZJONIJIET

| | |
|---|---|
| AA | Awtorità tal-Awditjar |
| ACR | Rapport Annwali tal-Kontroll |
| Korp tal-Awditjar | Il-korp li jwettaq l-awditjar skont il-mandat tal-AA, kif previst fl-Artikolu 127(2) tas-CPR |
| CA | Awtorità taċ-Ċertifikazzjoni |
| CCI | Kodiċi Komuni ta' Identifikazzjoni (in-numru ta' referenza ta' kull programm, attribwit mill-Kummissjoni) |
| CDR | Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2014 tat-3.3.2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] |
| CPR | Ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17.12.2013)[2] |
| ESIF | "ESIF" jikkorrispondi għall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej kollha. Din il-gwida tapplika għal kollha ħlief għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) |
| ETC | Kooperazzjoni Territorjali Ewropea |
| Regolament Finanzjarju | Ir-Regolament Finanzjarju (ir-Regolament (UE, EURATOM) Nru 966/2012[3] |
| IB | Korp Intermedju |
| MA | Awtorità Maniġerjali |
| MCS | Sistema ta' Ġestjoni u Kontroll |

[1] http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=uriserv:OJ.L_.2014.138.01.0005.01.MLT
[2] http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32013R1303
[3] http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1416480945454&uri=CELEX:32012R0966

# 1. IL-KUNTEST

## 1.1. Ir-referenzi regolatorji

| Regolament | Artikoli |
|---|---|
| Regolament (UE) Nru 1303/2013<br>Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni<br>*(minn hawn' il quddiem CPR)* | Parti Erbgħa t-Titolu I – Ġestjoni u kontrolli |

## 1.2. L-għan tal-gwida

L-għan ta' din il-gwida huwa li tipprovdi għodda prattika sabiex tgħin lill-awdituri jivvalutaw il-funzjonament ta' MCS stabbilita mill-Istati Membri għall-programmi tal-ESIF (ħlief għall-FAEŻR).

Din tibni fuq il-gwida fis-seħħ għall-perjodu 2007-2013 u l-konklużjonijiet ta' grupp ta' ħidma li jinvolvi persunal meħud mis-servizzi tal-awditjar tad-DĠ Politika Reġjonali u Urbana, id-DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni u d-DĠ Affarijiet Marittimi u Sajd fil-Kummissjoni, sabiex tistabbilixxi qafas ta' referenza f'termini ta':

- spjegazzjoni tar-rekwiżiti prinċipali li għandhom jiġu użati (ara s-CPR u s-CDR);
- spjegazzjoni tal-kriterji ta' valutazzjoni li għandhom jiġu użati għal kull rekwiżit prinċipali;
- tipprovdi linji gwida għat-tfassil ta' konklużjonijiet għal kull rekwiżit prinċipali u skont l-awtorità;
- tipprovdi linji gwida sabiex tintlaħaq konklużjoni ġenerali dwar l-MCS (jew parti mis-sistema) ta' programm jew ta' grupp ta' programmi, filwaqt li jitqies kull fattur mitiganti jew kontroll kumpensatorju eżistenti

Għalhekk, il-gwida hija primarjament indirizzata għad-direttorati tal-awditjar tas-servizzi tal-Kummissjoni u tal-AAs imsemmija hawn fuq, sabiex jiżguraw l-oġġettività, il-konsistenza u t-trasparenza fil-valutazzjoni tal-konformità tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll mar-rekwiżiti regolatorji prinċipali. Il-"passi għall-valutazzjoni" deskritti f'din in-nota ta' gwida jispeċifikaw il-metodoloġija li għandha tintuża meta jitwettqu l-awditi tas-sistema. L-AAs huma mitluba sabiex jużaw din in-nota ta' gwida fl-awditi tas-sistema tagħhom fuq l-MAs, is-CAs u l-IBs jew meta jagħmlu superviżjoni tax-xogħol tal-korpi tal-awditjar l-oħra involuti sabiex tiġi żgurata l-armonizzazzjoni tar-riżultati tal-awditjar u li l-awdituri li jinsabu f'partijiet differenti tal-katina ta' kontroll ikunu jistgħu jiddependu fuq ix-xogħol ta' xulxin.

It-taqsima tan-nota ta' gwida dwar l-evalwazzjoni tal-funzjonament tal-AAs hija indirizzata primarjament għas-servizzi tal-awditjar tal-Kummissjoni iżda tista' tintuża wkoll mill-AAs meta jagħmlu valutazzjoni/superviżjoni tax-xogħol ta' korpi tal-awditjar oħra fl-MCS jew bħala għodda ta' awtovalutazzjoni sabiex jiżguraw il-konformità tal-proċeduri tal-awditjar tagħhom stess kontra l-aspettattivi tal-Kummissjoni.

Madankollu, l-MAs, is-CAs u l-IBs tagħhom huma rakkomandati bil-qawwi sabiex meta jkun meħtieġ jikkunsidraw ukoll u jagħmlu użu minn dan id-dokument ta' gwida, bħala għodda ta' awtovalutazzjoni.

Fil-gwida attwali mhuwiex possibbli li jiġu koperti s-sitwazzjonijiet kollha li jistgħu jiġu

identifikati. L-analiżi tal-kwalità ta' kull awditu trid tiżgura li l-konklużjoni ġenerali dwar is-sistema hija sostanzjata u li l-opinjoni tal-awditjar proposta hija kemm konsistenti mas-sejbiet tal-awditjar kif ukoll iġġustifikata u dokumentata b'mod xieraq.

Il-gwida hija akkumpanjata minn erba' annessi: *L*-Anness I jippreżenta r-rekwiżiti prinċipali u l-kriterji ta' valutazzjoni rilevanti għal kull rekwiżit prinċipali; L-Annessi II u III jippreżentaw tabelli sommarji li għandhom jintużaw mill-awdituri u li jipprovdu l-qafas sabiex tintlaħaq opinjoni ġenerali, skont is-sistema, dwar il-konformità mar-rekwiżiti regolatorji prinċipali għall-perjodu 2014-2020; L-Anness IV jippreżentatabella li tgħaqqad il-kriterji għall-ħatra u r-rekwiżiti prinċipali.

## 2. IL-GWIDA

### 2.1. Ir-rekwiżiti prinċipali u l-kriterji ta' valutazzjoni

It-18-il rekwiżit prinċipali tal-MCSs u l-kriterji għall-valutazzjoni tal-funzjonament tagħhom huma elenkati fl-Anness I.

Dawn jikkonċernaw:

1. L-MA u kull IB li ġew delegati lilhom il-funzjonijiet (8 rekwiżiti prinċipali li fihom 36 kriterji ta' valutazzjoni);
2. Is-CA u kull IB li ġew delegati lilhom il-funzjonijiet (5 rekwiżiti prinċipali li fihom 18 kriterji ta' valutazzjoni);
3. L-AA u kull korp tal-awditjar li jwettaq xogħol tal-awditjar f'isimha (5 rekwiżiti prinċipali li fihom 27 kriterji ta' valutazzjoni).

Il-kriterji ta' valutazzjoni huma deskritti għal kull rekwiżit prinċipali. In-nuqqas ta' konformità ma' dawn il-kriterji jimplika nuqqasijiet fis-sistema u għaldaqstant ir-riskju li jiġi ċċertifikat lill-Kummissjoni nfiq irregolari u li jingħata rimborż żejjed lill-Istati Membri.

### 2.2. Il-passi għall-valutazzjoni

Il-valutazzjoni tal-MCS issegwi l-iskema ppreżentata hawn taħt:



Irid jiġi enfasizzat li fil-passi kollha tal-proċess ta' valutazzjoni, il-ġudizzju professjonali tal-awditur u l-kontroll effettiv tal-kwalità huma essenzjali sabiex tkun żgurata l-konsistenza tar-riżultati tal-awditjar.

Sabiex l-awditi tas-sistema jiksbu livell għoli ta' assigurazzjoni u jesprimu opinjoni dwar il-funzjonament tal-MCS, fit-twettiq tagħhom dawn għandhom jinkludu l-ittestjar tal-konformità tal-kontrolli prinċipali f'korpi prinċipali. Dan l-ittestjar tal-konformità għandu jitwettaq għal għadd ta' proġetti, tranżazzjonijiet fil-livell tal-MA, is-CA, l-IBs tagħhom u l-AA.

It-testijiet tal-kontrolli fil-livell tas-CA u l-IB(s) tagħhom jistgħu wkoll jikkontribwixxu għall-awditi tal-kontijiet (ara l-Artikolu 29(3) tas-CDR).

Il-metodoloġija użata għall-għażla tal-kampjun għall-ittestjar tal-kontrolli (bħall-kampjunar skont l-attributi jew għażla bbażata fuq il-ġudizzju) għandha tkun deċiża mill-AA (fil każ tal-Istati Membri), jew mill-Kummissjoni. Fejn għadd kbir ta' IBs joperaw taħt l-istess programm, jista' jintgħażel kampjun xieraq minnhom għall-ittestjar tal-kontrolli prinċipali. Il-kampjun ta' IBs għandu jintgħażel abbażi ta' valutazzjoni adegwata tar-riskju, u jitqiesu elementi bħall-profil tar-riskju ta' operazzjonijiet taħt l-IB, il-volum ta' fondi, il-kumplessità u/jew l-innovazzjoni tal-operazzjonijiet, il-modifiki tal-istruttura organizzazzjonali, il-kompetenzi tal-persunal, eċċ. F'kwalunkwe każ, skont l-istandards tal-awditjar, l-awditur jiddefinixxi fir-rapport tiegħu tal-awditjar l-ambitu tal-awditjar u jekk il-konklużjoni tkoprix is-sistema kollha jew parti minnha.

Il-metodoloġija użata għad-determinazzjoni tad-daqs tal-kampjun għall-ittestjar tal-kontrolli għandha tkun konformi mal-istandards tal-awditjar aċċettati internazzjonalment (INTOSAI, IFAC jew IIA).

Ir-riżultati ta' dawn it-testijiet, ikkombinati ma' elementi kwalitattivi oħra u mal-proċeduri tal-awditjar, jiffurmaw il-bażi tal-valutazzjoni.

L-awdituri għandhom, għal kull pass (jiġifieri l-ewwel għal kull kriterju ta' valutazzjoni, imbagħad għal kull rekwiżit prinċipali, imbagħad għal kull awtorità u mbagħad għall-konklużjoni ġenerali dwar l-MCS), jaslu għall-konklużjonijiet tagħhom, abbażi ta' dawn il-kategoriji li ġejjin:

Kategorija 1. **Jaħdem sew. Le jew hemm bżonn biss ta' xi titjib minuri.** M'hemm l-ebda nuqqasijiet jew instabu biss nuqqasijiet żgħar. Dawn in-nuqqasijiet ma għandhom l-ebda, jew għandhom impatt żgħir fuq il-funzjonament tar-rekwiżiti / l-awtoritajiet / is-sistema prinċipali vvalutati.

Kategorija 2. **Jaħdem, imma hemm bżonn ta' xi titjib.** Instabu xi nuqqasijiet. Dawn in-nuqqasijiet għandhom impatt moderat fuq il-funzjonament tar-rekwiżiti / l-awtoritajiet / is-sistema prinċipali vvalutati. Ir-rakkomandazzjonijiet ġew ifformulati għall-implimentazzjoni mill-korp awditjat.

Kategorija 3. **Jaħdem parzjalment; hemm bżonn ta' titjib sostanzjali.** Instabu nuqqasijiet serji li jesponu l-Fondi għall-irregolaritajiet. L-impatt fuq il-funzjonament effettiv tar-rekwiżiti / l-awtoritajiet / is-sistema prinċipali huwa sinifikanti.

Kategorija 4. **Essenzjalment ma jaħdimx.** Instabu għadd kbir u/jew firxa wiesgħa ta' nuqqasijiet serji li jesponu l-Fondi għall-irregolaritajiet. L-impatt fuq il-funzjonament effettiv tar-rekwiżiti / l-awtoritajiet / is-sistema prinċipali vvalutati huwa sinifikanti – ir-rekwiżiti / l-awtoritajiet / is-sistema prinċipali vvalutati ma jaħdmux tajjeb jew ma jaħdmu xejn.

L-Annessi II u III huma mfassla sabiex jiffaċilitaw dan il-proċess ta' valutazzjoni għal kull pass.

### *2.2.1 Il-Kriterji ta' Valutazzjoni*

L-ewwel pass jikkonsisti fl-evalwazzjoni tal-kriterji ta' valutazzjoni għal kull rekwiżit prinċipali billi jiġi ddeterminat liema mill-erba' kategoriji msemmija hawn fuq jikkorispondu l-iktar ma' kull kriterju ta' valutazzjoni għall-programm li qiegħed jiġi awditjat.

Sabiex tkun żgurata valutazzjoni trasparenti u oġġettiva ta' kull kriterju għandu jintuża l-Anness II.

Huwa importanti li jiġi enfasizzat li meta kull kriterju ta' valutazzjoni jiġi kategorizzat, l-awdituri għandhom japplikaw il-ġudizzju professjonali tagħhom filwaqt li jqisu kwalunkwe evidenza oħra għall-awditjar disponibbli li għandha tiġi analizzata wkoll. Din l-evidenza għall-awditjar tista' tinkludi l-għarfien kumulattiv kollu tal-awditjar inkluż l-informazzjoni miksuba mir-reviżjoni tad-deskrizzjonijiet tas-sistema, l-opinjoni tal-awditjar għall-ħatra u r-rapport, il-manwali tal-proċeduri, il-funzjonament tal-MCS, l-inkjesti, jew l-intervisti li jsiru f'korpi involuti fl-MCS.

### *2.2.2 Il-konklużjoni skont ir-rekwiżit prinċipali*

It-tieni pass jikkonsisti fit-tislit ta' konklużjoni skont ir-rekwiżit prinċipali abbażi tal-kriterji ta' valutazzjoni li ġew evalwati preċedentement skont l-ewwel pass. Bi prinċipju, meta jiġu evalwati r-rekwiżiti prinċipali, l-impatt ġenerali fuq il-livell ta' assigurazzjoni huwa fattur deċiżiv. F'dan il-kuntest, il-mistoqsijiet li wieħed irid isaqsi huma:

- X'inhu l-impatt tan-nuqqas ta' rispett jew rispett parzjali ta' kriterju ta' valutazzjoni partikolari jew ta' rekwiżit prinċipali fuq l-identifikazzjoni ta' żbalji, irregolaritajiet u fuq is-sistema ta' ġestjoni u kontroll?
- In-nuqqas tiegħu jżid il-possibilità li l-infiq irregolari jew illegali ma jiġix evitat, identifikat u/jew korrett b'mod adegwat?

Il-gwida li ġejja hija pprovduta bħala eżempju tar-riżultati possibbli għal dan il-pass (wara l-kombinazzjoni ta' testijiet fuq il-kontrolli prinċipali ma' elementi kwalitattivi oħra):

- Meta kriterju ta' valutazzjoni wieħed jew iktar ikunu fil-kategorija 3 jew il-kategorija 4, l-awditur jista' b'mod raġonevoli jikkonkludi li dan ma jippermettix li r-rekwiżit prinċipali jiġi kkategorizzat bħala kategorija 1 u wisq probabbli bħala kategorija 2;
- Meta l-maġġoranza tal-kriterji ta' valutazzjoni jkunu fl-istess kategorija, l-awditur jista' b'mod raġonevoli jikkonkludi li dan jipprovdi bażi soda sabiex ir-rekwiżit prinċipali ikun ikklassifikat ukoll f'din l-istess kategorija;
- Bħala regola ġenerali, ir-rekwiżit prinċipali ma jistax ikun ikklassifikat b'mod aktar favorevoli mill-agħar fost il-kriterji ta' valutazzjoni bl-eċċezzjoni possibbli tal-kriterji ta' valutazzjoni li ġejjin:

*L-Awtorità Maniġerjali*

**2.3** L-applikazzjonijiet kollha li jaslu jiġu rreġistrati. L-applikazzjonijiet jiġu rreġistrati malli jaslu, kull applikant jingħata evidenza tal-wasla tal-applikazzjoni u jinżammu rekords tal-istatus tal-approvazzjoni ta' kull applikazzjoni.

**2.5** Id-deċiżjonijiet meħuda dwar l-aċċettazzjoni jew ir-rifjut tal-applikazzjonijiet u l-proġetti għandhom jittieħdu minn persuna jew korp xierqa, ir-riżultati jiġu nnotifikati bil-miktub u r-raġunijiet għall-aċċettazzjoni jew għar-rifjut ta' applikazzjonijiet ikunu stabbiliti b'mod ċar. Il-proċedura ta' appell u d-deċiżjonijiet relatati għandhom jiġu ppubblikati.

**5.3** Ikun hemm fis-seħħ proċeduri sabiex jiżguraw li d-dokumenti kollha meħtieġa li jiżguraw rekord adegwat tal-awditjar jinżammu skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 140 tas-CPR, jiġifieri, rigward id-disponibbiltà ta' dokumenti.

*L-Awtorità taċ-Ċertifikazzjoni*

**11.3** Ikun żgurat rekord tal-awditjar adegwat billi jiġu rreġistrati u maħżuna f'forma kompjuterizzata, ir-rekords kontabilistiċi ta' kull operazzjoni u li jsostnu d-dejta kollha meħtieġa għat-tfassil tal-applikazzjonijiet għal ħlas u l-kontijiet. Ir-rekord tal-awditjar fis-CA għandu jippermetti r-rikonċiljazzjoni tal-infiq iddikjarat lill-Kummissjoni bid-dikjarazzjonijiet tan-nefqa rċevuti mingħand l-MA jew l-IB.

**13.5** Proċeduri adegwati li jiżguraw rapportar f'waqtu lill-Kummissjoni dwar l-eżekuzzjoni tal-baġit tal-UE skont l-Artikolu 59(5)(a) tar-Regolament Finanzjarju.

*L-Awtorità tal-Awditjar*

**18.5** L-ACR għas-sena fiskali u l-opinjoni tal-awditjar għandhom ikopru l-Istati Membri kollha kkonċernati fil-programmi taħt l-objettiv tal-ETC.

Sabiex jaslu għall-konklużjonijiet, l-awdituri jużaw il-ġudizzju professjonali tagħhom, u kwalunkwe fattur mitiganti possibbli. Evidenza adegwata għall-awditjar trid tiġi pprovduta u rreġistrata fil-fajl tal-awditjar.

### *2.2.3 Il-konklużjoni skont l-awtorità*

It-tielet pass jinvolvi li tintlaħaq konklużjoni skont l-awtorità, ibbażata fuq ir-riżultati tal-kategorizzazzjoni ta' kull rekwiżit prinċipali skont it-tieni pass. L-Annessi II u III għandhom jintużaw. L-Anness II jgħaqqad il-valutazzjoni skont ir-rekwiżit prinċipali sabiex tintlaħaq konklużjoni skont l-awtorità, filwaqt li l-Anness III li huwa t-"tabella ta' konnessjoni", jgħaqqad il-konklużjoni skont l-awtorità mal-konklużjoni ġenerali għas-sistema (konnessjoni mal-pass 4).

Mhuwiex possibbli li jiġu previsti l-kombinazzjonijiet kollha tal-valutazzjonijiet tar-rekwiżiti prinċipali skont l-awtorità li jistgħu jinqalgħu. Madankollu, tista' tingħata l-gwida li ġejja:

1. Kull rekwiżit prinċipali għandu jiġi vvalutat indipendentement mir-rekwiżiti l-oħra fl-istess awtorità. Dan ifisser li nuqqas f'wieħed mir-rekwiżiti prinċipali f'awtorità waħda ma jistax jiġi kkumpensat minn rekwiżit prinċipali ieħor li qed jiffunzjona sew fl-istess awtorità. Il-kontrolli kumpensatorji huma meqjusa biss fil-livell tal-valutazzjoni ġenerali tas-sistema (il-pass 4).
2. Xi rekwiżiti prinċipali huma essenzjali fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tal-infiq u l-funzjonament tajjeb tal-awtorità rilevanti. Il-kriterji li jiddeterminaw nuqqasijiet serji kif definiti fl-Artikolu 2(39) tas-CPR huma stabbiliti fl-Artikolu 30 tas-CDR u jikkonċernaw:

   • L-MA: ir-rekwiżiti prinċipali 2 (l-għażla tal-operazzjonijiet), 4 (il-verifiki tal-ġestjoni) u 5 (ir-rekord tal-awditjar ta' dokumenti dwar l-infiq u l-awditi).

   • Is-CA: ir-rekwiżit prinċipali 13 (it-tfassil u ċ-ċertifikazzjoni tal-kontijiet annwali).

   • L-AA: ir-rekwiżiti prinċipali 15 (l-awditi tas-sistema), 16 (l-awditi tal-operazzjonijiet) u 18 (opinjoni tal-awditjar affidabbli u t-tħejjija tal-ACR).
3. Klassifikazzjoni fil-kategorija 1 jew 2 tas-seba' rekwiżiti prinċipali essenzjali msemmija fil-punt 2 hawn fuq ikollha influwenza pożittiva fuq il-konklużjoni ġenerali.
4. Jekk wieħed mir-rekwiżiti prinċipali essenzjali msemmija fil-punt 2 ta' hawn fuq

jew tnejn jew aktar mir-rekwiżiti prinċipali l-oħra għal awtorità jiġu kklassifikati fil-kategoriji 3 jew 4, din l-awtorità ma tistax tiġi vvalutata b'mod ġenerali f'kategorija aħjar mill-kategoriji 3 jew 4. Fi kliem ieħor, nuqqas f'rekwiżit prinċipali essenzjali ma jistax jiġi bbilanċjat minn klassifikazzjoni aħjar tar-rekwiżiti essenzjali l-oħra għall-awtorità kkonċernata.

5. Jekk xi wħud mill-funzjonijiet ġew delegati lill-IBs, tqassim ulterjuri tal-Annessi II u III huwa meħtieġ u l-istess kriterji użati fil-każ tal-MA/CA jiġu applikati sabiex tintlaħaq konklużjoni mill-IB u abbażi ta' dan, tintlaħaq konklużjoni ġenerali għall-MA jew is-CA.

L-awdituri għandhom jużaw il-ġudizzju professjonali tagħhom sabiex jilħqu il-konklużjoni xierqa skont l-awtorità, filwaqt li jivvalutaw il-konklużjoni ġenerali mogħtija fit-tabella pprovduta fl-Anness III ta' din il-gwida.

### *2.2.4 Il-konklużjoni ġenerali*

F'dan il-pass finali, l-awdituri jagħmlu l-konnessjoni bejn il-konklużjoni skont l-awtorità u l-konklużjoni ġenerali dwar l-MCS tal-programm, billi jidentifikaw kwalunkwe fattur mitiganti u l-kontrolli kumpensatorji li jistgħu jeżistu f'awtorità li effettivament inaqqsu r-riskju fl-MCS b'mod ġenerali.

Pereżempju, jekk l-awditur jikkonkludi li l-verifiki mwettqa mis-CA mhumiex kompluti jew mhumiex effettivi biżżejjed, iżda l-verifiki tal-ġestjoni fl-MA (jew jekk delegati, fl-IB) jkunu ta' kwalità tajba u effettiva, dan jista' jnaqqas ir-riskju li jiġi ċċertifikat infiq irregolari u mibgħut lill-Kummissjoni. Ta' min ifakkar li r-rekwiżit prinċipali 4 (il-verifiki tal-ġestjoni) jibqa' l-aktar linja ta' difiża importanti u l-ewwel waħda tal-MCS kontra l-irregolaritajiet. L-apprezzament tal-funzjonament tajjeb ta' dan ir-rekwiżit prinċipali huwa għaldaqstant kruċjali sabiex jiġi vvalutat ir-riskju ta' rimborż ta' nfiq irregolari mill-Kummissjoni. Huwa importanti li jiġi enfasizzat li qabel ma jitqies bħala fattur mitiganti jew kontroll kumpensatorju, għandha tinkiseb evidenza tal-funzjonament tajjeb ta' dawn il-kontrolli. Eżempju ieħor ta' fattur mitiganti, qabel ma tinħareġ l-opinjoni tal-awditjar, jista' jkun pjan ta' azzjoni li jkun ġie implimentat li tejjeb is-sistema ta' ġestjoni u kontroll b'mod effettiv (sabiex fil-futur jiġu evitati irregolaritajiet simili) u rranġa l-irregolaritajiet ewlenin li qabel ma kinux ġew identifikati mill-kontrolli fuq il-kampjuni jew mill-kontrolli tal-verifika tal-ġestjoni (korrezzjonijiet finanzjarji għal infiq li ġie ddikjarat qabel).

L-awditur jistabbilixxi l-livell tar-riskju residwu għar-regolarità tat-tranżazzjonijiet u fl-aħħar jifformula konklużjoni ġenerali, skont is-sistema, dwar il-konformità tas-sistema mar-rekwiżiti regolatorji prinċipali. L-Anness III għandu jintuża.

1. L-istess kategoriji jintużaw għall-evalwazzjoni ġenerali tas-sistemi kif ukoll għar-rekwiżiti u l-awtoritajiet prinċipali individwali, sabiex tkun żgurata l-konsistenza tar-riżultati fil-passi kollha tal-proċedura.

2. Qabel jistabbilixxi l-livell ta' riskju residwu għar-regolarità, l-awditur irid iqis l-eżistenza ta' fatturi mitiganti, kif deskritt hawn fuq.

Il-konklużjoni ġenerali skont l-MCS imbagħad tipprovdi bażi sabiex jiġu ddeterminati l-livelli ta' assigurazzjoni u l-livelli ta' fiduċja tal-awditi tal-operazzjonijiet. Fit-tfassil tal-ACR, billi jiġu kkombinati l-konklużjonijiet tiegħu dwar l-MCS mar-riżultati tal-awditi tal-operazzjonijiet u tal-kontijiet, l-awditur jista' mbagħad jifformula opinjoni tal-awditjar għall-programm u jirrakkomanda azzjoni sussegwenti jekk ikun meħtieġ.

Barra minn hekk, dan ix-xogħol tal-awditjar għandu jintuża mill-Istati Membri għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 124(5) tas-CPR dwar l-obbligu li jiġi ssorveljat it-twettiq tal-kriterji għall-ħatra. Sabiex dan ix-xogħol jiġi ffaċilitat l-Anness IV jipprovdi tabella li tgħaqqad il-kriterji għall-ħatra u r-rekwiżiti prinċipali relatati.

## ANNESS I – IR-REKWIŻITI PRINĊIPALI U L-KRITERJI TA' VALUTAZZJONI

Dan l-anness jidentifika l-elementi prinċipali tal-MCS u l-kriterji ta' valutazzjoni filwaqt li jqis ir-rekwiżiti minimi tal-qafas legali applikabbli għall-perjodu 2014-2020. L-elementi prinċipali, strutturati skont l-awtorità, huma dawk li ġew imfassla apposta u li huma essenzjali sabiex jiżguraw il-legalità u r-regolarità tal-infiq u r-realtà tal-operazzjonijiet inklużi fil-programmi appoġġati mill-ESIF(ħlief għall-FAEŻR) skont is-CPR.

## 1. Ir-rekwiżiti prinċipali fir-rigward tal- MA u l-IB(s) tagħha

### Rekwiżit prinċipali 1: Separazzjoni adegwata tal-funzjonijiet u sistemi adegwati għar-rapportar u l-monitoraġġ f'każijiet fejn l-awtorità responsabbli tafda t-twettiq tal-kompiti lil korp ieħor

(L-Artikoli 72(a), (b), (e) u (h), 122(2), 123(1) u (6), 125(1) tas-CPR)

Il-Kriterji ta' valutazzjoni:

1.1 Definizzjoni ċara u allokazzjoni tal-funzjonijiet (it-tabella tal-organizzazzjoni, in-numru indikattiv ta' postijiet, il-kwalifiki u l-esperjenza meħtieġa, id-deskrizzjonijiet tax-xogħol), inkluż l-eżistenza ta' ftehim formali dokumentat li jistabbilixxi b'mod ċar kwalunkwe kompitu li jiġi delegat mill-MA lill-IB(s).

1.2 Il-persunal u l-kompetenzi meħtieġa jeżistu fuq il-livelli differenti u għall-funzjonijiet differenti fl-MA u l-IBs, filwaqt li jitqies in-numru, id-daqs u l-kumplessità tal-programmi kkonċernati, inkluż l-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni xierqa jekk ikun hemm.

1.3 Il-konformità mal-prinċipju tas-separazzjoni tal-funzjonijiet fl-organizzazzjoni tal-MA, fejn xieraq u b'mod partikolarif'każ fejn l-Istati Membri jiddeċiedu li jżommu l-funzjoni taċ-ċertifikazzjoni fl-istess struttura amministrattiva bħall-MA, kif ukoll bejn l-MA u l-korpi l-oħra fl-MCS (is-CA, jew l-IBs tagħha, l-AA jew korpi tal-awditjar oħra).

1.4 Jeżistu proċeduri u manwali kompluti u adegwati u jiġu aġġornati kif meħtieġ, li jkopru l-attivitajiet prinċipali kollha fl-MA u fl-IBs, inkluż il-proċeduri ta' rapportar u ta' monitoraġġ għall-irregolaritajiet u għall-irkupru ta' ammonti mħallsa bi żball.

1.5 Ikun hemm fis-seħħ proċeduri u arranġamenti adegwati sabiex jimmonitorjaw u jissorveljaw b'mod effettiv il-kompiti delegati lill-IB(s) abbażi ta' mekkaniżmi ta' rapportar adegwati (reviżjoni tal-metodoloġija tal-IB, reviżjoni regolari tar-riżultati rrapportati mill-IB, inkluż fejn possibbli il-prestazzjoni mill-ġdid abbażi ta' kampjun tal-ħidma mwettqa mill-IB).

1.6 Jiġi meqjus il-prinċipju ta' proporzjonalità, il-qafas sabiex ikun żgurat li jitwettaq eżerċizzju xieraq tal-ġestjoni tar-riskju meta jkun meħtieġ, u b'mod partikolari, f'każ fejn isiru modifikazzjonijiet kbar fl-attivitajiet u bidliet fl-istrutturi ta' ġestjoni u kontroll.

### Rekwiżit prinċipali 2: Għażla xierqa tal-operazzjonijiet

(L-Artikoli 72(c), 125(3) tas-CPR)

Il-Kriterji ta' valutazzjoni:

2.1 L-MA fasslet, għall-approvazzjoni mill-kumitat ta' monitoraġġ, il-proċeduri u l-kriterji xierqa ta' selezzjoni li:

a. jiżguraw il-kontribuzzjoni tal-operazzjonijiet għall-kisba tal-objettivi u r-riżultati speċifiċi tal-prijorità rilevanti;

b. huma nondiskriminatorji u trasparenti;

c. jikkunsidraw il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u l-prinċipji tal-iżvilupp sostenibbli kif stabbilit fl-Artikoli 7 u 8 tas-CPR.

2.2 Is-sejħiet għall-applikazzjonijiet jiġu ppubblikati[4].

Is-sejħiet għall-applikazzjonijiet jiġu reklamati sabiex jilħqu l-benefiċjarji potenzjali kollha u jkun fihom deskrizzjoni ċara tal-proċedura tas-selezzjoni użata u tad-drittijiet u l-obbligi tal-benefiċjarji.

2.3 L-applikazzjonijiet kollha li jaslu jiġu rreġistrati.

L-applikazzjonijiet jiġu rreġistrati malli jaslu, kull applikant jingħata evidenza tal-wasla tal-applikazzjoni u jinżammu rekords tal-istatus tal-approvazzjoni ta' kull applikazzjoni.

2.4 L-applikazzjonijiet jew proġetti kollha jiġu vvalutati skont il-kriterji applikabbli.

L-evalwazzjoni tiġi applikata b'mod konsistenti u b'mod nondiskriminatorju. Il-kriterji u l-punteġġ li jintużaw ikunu konformi ma' dawk approvati mill-kumitat ta' monitoraġġ u msemmija fis-sejħa.

Fil-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet jew proġetti l-MA tiżgura li l-evalwaturi jkollhom l-kompetenzi u l-indipendenza meħtieġa.

Barra minn hekk, l-MA għandha teżamina b'mod speċifiku jekk:

a. L-operazzjoni magħżula taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-fond(i) kkonċernati u tistax tiġi attribwita fil-kategorija tal-intervent;
b. Il-benefiċjarju għandux il-kapaċità amministrattiva, finanzjarja u operattiva sabiex jissodisfa l-kundizzjonijiet rigward l-għoti ta' finanzjamenti;
c. Meta l-operazzjoni tkun bdiet qabel is-sottomissjoni ta' applikazzjoni għall-finanzjament, il-liġi applikabbli rilevanti għall-operazzjoni tkunx ġiet osservata;
d. L-operazzjonijiet magħżula għas-sostenn ma jkunux jinkludu attivitajiet li kienu parti minn operazzjoni li kienet jew kellha tkun soġġetta għal proċedura ta' rkupru wara r-rilokazzjoni ta' attività produttiva barra miż-żona tal-programm.

Il-fażijiet kollha ta' din l-evalwazzjoni għandhom jiġu dokumentati b'mod adegwat.

2.5 Id-deċiżjonijiet meħuda dwar aċċettazzjoni jew rifjut ta' applikazzjonijiet jew proġetti għandhom jittieħdu minn persuna awtorizzata kif xieraq fil-korp responsabbli maħtur, ir-riżultati jiġu nnotifikati lill-kandidat bil-miktub fi ftehim jew deċiżjoni (jew dokument simili) u r-raġunijiet għall-aċċettazzjoni jew għar-rifjut ikunu stabbiliti b'mod ċar. Il-proċedura ta' appell u d-deċiżjonijiet relatati għandhom jiġu ppubblikati.

**Rekwiżit prinċipali 3: Informazzjoni adegwata għall-benefiċjarji**

(L-Artikolu 125(3)(c) tas-CPR)

Il-Kriterji ta' valutazzjoni:

3.1 Il-komunikazzjoni effettiva mal-benefiċjarji dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom b'mod partikolari r-regoli nazzjonali dwar l-eliġibbiltà stipulati għall-programm, ir-regoli dwar l-eliġibbiltà tal-UE applikabbli, il-kundizzjonijiet speċifiċi għas-sostenn ta' kull

[4] Mhux applikabbli f'każ ta' allokazzjoni diretta ta' fondi tal-UE għal ċerti proġetti nazzjonali, reġjonali jew lokali

operazzjoni li tikkonċerna l-prodotti jew is-servizzi li għandhom jingħataw taħt l-operazzjoni, il-pjan finanzjarju, il-limitu taż-żmien għall-eżekuzzjoni, ir-rekwiżiti li jikkonċernaw il-kontabilità separata jew il-kodiċijiet kontabilistiċi adegwati, l-informazzjoni li trid tinżamm u tiġi kkomunikata. L-obbligi ta' informazzjoni u ta' reklamar għandhom ukoll jiġu espressi u kkomunikati b'mod ċar.

3.2 L-eżistenza ta' regoli nazzjonali dwar l-eliġibbiltà ċari u mingħajr ambigwità stipulati fil-programm.

3.3 L-eżistenza ta' strateġija li tiżgura li l-benefiċjarji jkollhom aċċess għall-informazzjoni meħtieġa u jirċievu livell xieraq ta' gwida (fuljetti, ktejbiet, seminars, sessjonijiet ta' ħidma, siti elettroniċi, eċċ.).

**Rekwiżit prinċipali 4: Verifiki adegwati tal-ġestjoni**

(L-Artikoli 72(c) u (h), 125(4)(a), (5) u (6) tas-CPR)

Il-Kriterji ta' valutazzjoni:

4.1 Il-verifiki tal-ġestjoni jinkludu:

a. Il-verifiki amministrattivi fir-rigward ta' kull applikazzjoni għal rimborż mill-benefiċjarji: qabel iċ-ċertifikazzjoni l-applikazzjonijiet għal rimborż kollha li jintbagħtu mill-benefiċjarji għandhom ikunu soġġetti għal verifiki amministrattivi mill-MA jew l-IB(s) tagħha u għandhom jinkludu eżaminazzjoni kemm tat-talba nnifisha kif ukoll tad-dokumentazzjoni ta' sostenn rilevanti mehmuża. Il-firxa u t-tip ta' dokumentazzjoni ta' sostenn li jiġu mitluba mill-benefiċjarji għal verifika, huwa bbażat fuq il-valutazzjoni tar-riskju ta' kull tip ta' fajl jew benefiċjarju;

b. Il-verifiki fuq il-post ta' operazzjonijiet mill-MA u l-IB(s) tagħha għandhom isiru meta l-proġett ikun ilu li beda sew, kemm f'termini ta' progress fiżiku kif ukoll finanzjarju (pereżempju, għall-miżuri ta' taħriġ).

4.2 Il-verifiki fuq il-post ta' operazzjonijiet individwali jistgħu jsiru mill-MA jew l-IB(s) tagħha abbażi ta' kampjun. Il-frekwenza u l-kopertura tal-verifiki fuq il-post għandhom ikunu proporzjonati mal-ammont ta' sostenn pubbliku għal operazzjoni u mal-livell ta' riskju identifikat mill-MA jew l-IB(s) tagħha permezz tal-verifiki amministrattivi tagħhom u mill-AA permezz tal-awditjar tagħha għall-MCS kollha. Ir-rekords għandhom jiddeskrivu l-metodu tal-kampjunar li ntuża, jidentifikaw l-operazzjonijiet magħżula, u jipprovdu ħarsa ġenerali tal-konklużjonijiet tal-verifiki u tal-irregolaritajiet misjuba.

4.3 Għandu jkun hemm proċeduri bil-miktub u listi ta' kontroll komprensivi biex jiġu użati għall-verifiki tal-ġestjoni sabiex jidentifikaw kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali. Dan ifisser li l-listi ta' kontroll għandhom, minn tal-inqas, jindirizzaw verifiki dwar:

a. il-korrettezza tal-applikazzjoni għal rimborż;

b. il-perjodu eliġibbli;

c. il-konformità mal-proġett approvat;

d. il-konformità mar-rata ta' finanzjament approvata (fejn applikabbli);

e. il-konformità mar-regoli tal-eliġibbiltà rilevanti u mar-regoli nazzjonali u tal-UE tal-akkwist pubbliku, l-għajnuna mill-Istat, l-ambjent, l-istrumenti finanzjarji, l-iżvilupp sostenibbli, il-pubbliċità u r-rekwiżiti tal-opportunitajiet indaqs u n-nondiskriminazzjoni;

f. ir-realtà tal-proġett, inkluż il-progress fiżiku tal-prodott jew tas-servizz u l-konformità mat-termini u l-kundizzjonijiet tal-ftehim tal-għotja u mal-indikaturi tal-eżiti u tar-riżultati;

g. l-infiq iddikjarat u l-eżistenza u l-konformità tar-rekord tal-awditjar ta' għadd ta’ partiti tan-nefqa;

h. is-sistema kontabilistika separata jew il-kodiċi kontabilistiku adegwat għat-tranżazzjonijiet kollha marbuta ma’ operazzjoni għall-operazzjonijiet rimborżati abbażi tal-ispejjeż eliġibbli effettivament imġarrba. Din is-sistema kontabilistika separata jew il-kodiċijiet kontabilistiċi adegwati jippermettu l-verifika ta' (1) l-allokazzjoni korretta ta' infiq li huwa biss parzjalment relatat mal-operazzjoni kofinanzjata u (2) ċerti tipi ta' nfiq li huma meqjusa bħala eliġibbli sa ċerti limiti biss jew li huma proporzjonati ma' spejjeż oħra.

4.4 Għandha tinżamm evidenza ta':

a. il-verifiki amministrattivi u l-verifiki fuq il-post, inkluż ix-xogħol li sar u r-riżultati li nkisbu;

b. is-segwitu tas-sejbiet.

Dawn ir-rekords jikkostitwixxu d-dokumentazzjoni ta’ sostenn u l-informazzjoni għat-tħejjija tas-sommarju annwali mill-MA.

4.5 L-eżistenza ta' proċeduri approvati mill-MA sabiex jiġi żgurat li s-CA tirċievi l-informazzjoni kollha meħtieġa dwar il-verifiki mwettqa għall-fini ta' ċertifikazzjoni.

Il-verifiki ta’ ġestjoni għal infiq ċċertifikat fil-kontijiet ta’ sena fiskali partikolari għandhom jitlestew fil-ħin.

**Rekwiżit prinċipali 5: Sistema effettiva fis-seħħ biex jiġi żgurat li jinżammu d-dokumenti kollha dwar l-infiq u l-awditjar sabiex ikun żgurat rekord adegwat tal-awditjar.**

(L-Artikoli 72(g), 122(3), 140, 125(4)(d), 125(8) tas-CPR)

<u>Il-Kriterji ta' valutazzjoni:</u>

5.1 Ir-rekords kontabilistiċi dettaljati u d-dokumenti ta’ sostenn tal-operazzjonijiet jinżammu fil-livell xieraq ta’ ġestjoni (bħall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-pjan finanzjarju tal-operazzjoni, il-progress fil-kisba tal-eżiti u tar-riżultati u fir-rapporti ta’ monitoraġġ, id-dokumenti li jikkonċernaw l-applikazzjoni, l-evalwazzjoni, l-għażla, l-approvazzjoni ta' għotja u l-proċeduri kontraenti u tal-offerti u r-rapporti dwar l-ispezzjonijiet tal-prodotti u s-servizzi kofinanzjati) u jipprovdu l-informazzjoni stabbilita fl-Artikolu 25(1) tas-CDR. Is-sistema kontabilistika tippermetti kemm lill-benefiċjarji u kemm lill-korpi l-oħra involuti li jkunu identifikati flimkien mal-ġustifikazzjoni għall-ħlas.

5.2 Jinżamm rekord mill-MA tal-identità u l-post tal-korpi li jkollhom id-dokumenti ta' sostenn relatati mal-infiq u l-awditjar. Dan jinkludi d-dokumenti kollha meħtieġa għal rekord tal-awditjar adegwat, li jista’ jkun f’forma elettronika fil-każ ta’ skambju ta' dejta elettronika bejn il-benefiċjarji u l-korpi rilevanti skont l-Artikolu 122(3) tas-CPR.

5.3 Ikun hemm fis-seħħ proċeduri sabiex jiżguraw li d-dokumenti kollha meħtieġa li jiżguraw rekord adegwat tal-awditjar jinżammu skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 140 tas-CPR, jiġifieri rigward id-disponibbiltà ta' dokumenti.

**Rekwiżit prinċipali 6: Sistema affidabbli għall-ġbir, ir-reġistrazzjoni u l-ħażna ta' dejta għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja, il-verifika u l-finijiet tal-awditjar, inkluż il-kuntatti mal-benefiċjarji permezz ta' sistemi tal-iskambju ta' dejta elettronika.**

(L-Artikoli 72(d), 112(3), 122(3), 125(2)(a),(d),(e), 125(4)(d), (8) u 140 tas-CPR)

<u>Il-Kriterji ta' valutazzjoni:</u>

6.1 L-eżistenza ta' sistema kompjuterizzata li kapaċi tiġbor, tirreġistra u taħżen id-dejta dwar kull operazzjoni mitluba mill-Anness III tas-CDR, inkluż dejta relatata ma' indikaturi u stadji importanti u dwar il-progress tal-programm fil-kisba tal-għanijiet tiegħu stabbiliti mill-MA skont l-Artikolu 125(2)(a) tas-CPR.

Meta operazzjoni tkun appoġġata mill-FSE, din għandha tinkludi dejta dwar il-parteċipanti individwali u analiżi statistika tad-dejta dwar l-indikaturi skont is-sess fejn ikun meħtieġ.

6.2 Ikun hemm fis-seħħ proċeduri adegwati li, fejn dan ikun meħtieġ, jippermettu l-aggregazzjoni tad-dejta għal skopijiet ta' evalwazzjoni, awditjar, kif ukoll għall-applikazzjonijiet għal ħlas u ta' kontijiet, sommarji annwali, rapporti annwali ta' implimentazzjoni u finali, inklużi rapporti dwar dejta finanzjarja, sottomessi lill-Kummissjoni.

6.3 Ikun hemm fis-seħħ proċeduri adegwati li jiżguraw:

a. is-sigurtà u l-manutenzjoni ta' din is-sistema kompjuterizzata, l-integrità tad-dejta filwaqt li jitqiesu l-istandards aċċettati internazzjonalment bħal pereżempju l-ISO/IEC 27001:2013 u l-ISO/IEC 27002:2013, il-kunfidenzjalità tad-dejta, l-awtentikazzjoni tal-mittent u l-ħażna ta' dokumenti u ta' dejta b'mod partikolari skont l-Artikoli 122(3), 125(4)(d), 125(8) u 140 tas-CPR u

b. il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali.

**Rekwiżit prinċipali 7: L-implimentazzjoni effettiva ta' miżuri proporzjonati kontra l-frodi**

(L-Artikoli 72(h), 122(2), 125(4)(c) tas-CPR)

<u>Il-Kriterji ta' valutazzjoni:</u>

7.1 Qabel il-bidu tal-implimentazzjoni tal-programm, l-MAs iwettqu valutazzjoni tar-riskju ta' frodi tal-impatt u l-probabilità ta' riskji ta' frodi rilevanti mal-proċessi prinċipali fl-implimentazzjoni tal-programmi. Il-valutazzjoni tar-riskju ta' frodi, idealment għandha titwettaq fuq bażi annwali, jew darba kull sentejn, skont il-livelli ta' riskju. Ir-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju ta' frodi għandhom jiġu approvati mill-maniġment superjuri tal-MA.

7.2 Fiċ-ċiklu kontra l-frodi l-miżuri kontra l-frodi huma strutturati madwar erba' elementi prinċipali: il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, il-korrezzjoni u l-prosekuzzjoni.

7.3 Ikun hemm fis-seħħ miżuri preventivi adegwati u proporzjonati, imfassla skont is-sitwazzjonijiet speċifiċi, sabiex ir-riskju residwu ta' frodi jitnaqqas għal-livell aċċettabbli (bħall-istqarrija tal-missjoni, il-kodiċi ta' kondotta, it-tonalità tal-komunikazzjoni li tkun ġejja minn fuq nett, l-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet, it-taħriġ u l-azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni, l-analiżi tad-dejta u għarfien aġġornat dwar is-sinjali ta' twissija ta' frodi u l-indikaturi ta' frodi).

7.4 Ikun hemm fis-seħħ miżuri xierqa ta' identifikazzjoni ta' "allarmi ħomor" li jiġu implimentati b'mod effettiv.

7.5 Ladarba jiġi individwat suspett ta' frodi ikun hemm fis-seħħ miżuri xierqa li jiżguraw mekkaniżmi ċari ta' rapportar kemm għal suspetti ta' frodi kif ukoll għal nuqqasijiet fil-kontrolli li jiżguraw koordinazzjoni suffiċjenti mal-AA, l-awtoritajiet investigattivi kompetenti fl-Istat Membru, il-Kummissjoni u l-OLAF.

7.6 Ikun hemm fis-seħħ proċessi xierqa sabiex jiġi segwit kull każ suspettuż ta' frodi u l-irkupri relatati ta' fondi tal-UE li ntefqu b'mod frawdolenti.

7.7 Ikun hemm fis-seħħ proċeduri ta' segwitu sabiex jiġi rivedut kull proċess, proċedura jew kontroll konnessi mal-frodi potenzjali jew reali u jiġu inklużi fir-reviżjoni sussegwenti tal-valutazzjoni tar-riskju ta' frodi.

**Rekwiżit prinċipali 8: Proċeduri xierqa għat-tfassil tad-dikjarazzjoni tar-responsabbiltajiet ta' ġestjoni u s-sommarju annwali tar-rapporti finali tal-awditjar u tal-kontrolli mwettqa**

(L-Artikolu 125(4)(e) tas-CPR)

Il-Kriterji ta' valutazzjoni:

8.1 Għat-tħejjija tas-sommarju annwali, ikun hemm fis-seħħ proċeduri adegwati li jiżguraw:

a. li jkun hemm reviżjoni xierqa u segwitu tar-riżultati finali tal-awditi u l-kontrolli kollha mwettqa mill-korpi rilevanti għal kull programm, inklużi l-verifiki tal-ġestjoni mwettqa mill-MA jew mill-IBs f'isimha u l-awditi mwettqa minn jew taħt l-awtorità tal-AA u tal-awditi tal-UE;

b. l-analiżi tan-natura u l-ambitu tal-iżbalji u tan-nuqqasijiet identifikati fis-sistemi u s-segwitu sussegwenti ta' dawn in-nuqqasijiet (l-azzjoni korrettiva meħuda jew ippjanata);

c. l-implimentazzjoni ta' azzjoni korrettiva u preventiva f'każ ta' identifikazzjoni ta' żbalji sistemiċi.

8.2 Id-dikjarazzjoni tar-responsabbiltajiet ta' ġestjoni għandha tkun ibbażata fuq is-sommarju annwali, u għandha tkun imfassla skont il-mudell stipulat fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni rilevanti.

8.3 Ix-xogħol li sar bi tħejjija għas-sommarju annwali u d-dikjarazzjoni tar-responsabbiltajiet ta' ġestjoni għandu jiġi dokumentat b'mod xieraq.

8.4 Is-sommarju annwali u d-dikjarazzjoni tar-responsabbiltajiet ta' ġestjoni kif ukoll id-dokumentazzjoni ta' sostenn u l-informazzjoni kollha rilevanti jsiru disponibbli fiż-żmien dovut lill-AA għall-fini tal-valutazzjoni tagħha. Għal dan il-għan jiġu stabbiliti skadenzi interni adegwati.

## 2. Ir-rekwiżiti prinċipali fir-rigward tas-CA u l-IB(s) tagħha

**Rekwiżit prinċipali 9: Separazzjoni adegwata tal-funzjonijiet u sistemi adegwati għar-rapportar u l-monitoraġġ f'każijiet fejn l-awtorità responsabbli tafda t-twettiq tal-kompiti lil awtorità oħra**

(L-Artikoli 72(a), (b) u (e), 123 (2) u (6), 126 tas-CPR)

Il-Kriterji ta' valutazzjoni:

Għandu jkun hemm:

9.1. Definizzjoni ċara u allokazzjoni tal-funzjonijiet (it-tabella tal-organizzazzjoni, in-numru indikattiv ta' postijiet, il-kwalifiki u/jew l-esperjenza meħtieġa, id-deskrizzjonijiet tax-xogħol), inkluż l-eżistenza ta' ftehim formali dokumentat li jistabbilixxi b'mod ċar kwalunkwe kompitu li jiġi delegat mis-CA lill-IB(s).

9.2. Numru adegwat ta' persunal ikkwalifikat biżżejjed fuq il-livelli differenti u għall-funzjonijiet differenti fis-CA, filwaqt li jitqies in-numru, id-daqs u l-kumplessità tal-programmi kkonċernati, inkluż l-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni xierqa jekk ikun hemm.

9.3. Il-konformità mal-prinċipju tas-separazzjoni tal-funzjonijiet fl-organizzazzjoni tas-CA, fejn xieraq u b'mod partikolari f'każ fejn l-Istati Membri jiddeċiedu li jżommu l-funzjoni taċ-ċertifikazzjoni fl-istess struttura amministrattiva bħall-MA, kif ukoll bejn is-CA u l-awtoritajiet l-oħra fl-MCS (l-MA u l-IBs tagħha, l-AA u l-korpi tal-awditjar l-oħra).

9.4. Jeżistu proċeduri u manwali kompluti u adegwati u jiġu aġġornati kif meħtieġ, li jkopru l-attivitajiet prinċipali kollha tas-CA u l-IBs, inkluż il-proċeduri ta' rapportar u monitoraġġ għall-irregolaritajiet (irregolaritajiet rapportati mill-IBs jew identifikati mis-CA) u għall-irkupru ta' ammonti mħallsa bi żball.

9.5 Ikun hemm fis-seħħ proċeduri u arranġamenti adegwati sabiex jimmonitorjaw u jissorveljaw b'mod effettiv il-kompiti delegati lill-IB(s) abbażi ta' mekkaniżmi ta' rapportar adegwati (reviżjoni tal-metodoloġija tal-IB, reviżjoni regolari tar-riżultati rrapportati mill-IB, inkluż fejn possibbli il-prestazzjoni mill-ġdid abbażi ta' kampjun tal-ħidma mwettqa mill-IB).

9.6 Jiġi meqjus il-prinċipju ta' proporzjonalità, il-qafas sabiex ikun żgurat li jitwettaq eżerċizzju xieraq tal-ġestjoni tar-riskju meta jkun meħtieġ, u b'mod partikolari, f'każ fejn isiru modifikazzjonijiet kbar fl-attivitajiet u/jew bidliet fl-istrutturi ta' ġestjoni u kontroll.

**Rekwiżit prinċipali 10: Proċeduri xierqa għat-tfassil u l-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet għal ħlas**

(L-Artikolu 126(a), (e) u (f) tas-CPR)

Il-Kriterji ta' valutazzjoni:

10.1. Fejn xieraq, ikun hemm proċeduri adegwati li jiżguraw il-wasla u li tiġi meqjusa l-informazzjoni adegwata mill-MA u/jew IB(s) tagħha dwar il-verifiki tal-ġestjoni tal-ewwel livell imwettqa, u r-riżultati tal-awditi mwettqa minn jew taħt ir-responsabilità tal-AA.

a. Deskrizzjoni ċara tal-informazzjoni speċifika meħtieġa għall-proċess ta' ċertifikazzjoni mill-MA u l-AA għandha tkun riflessa fil-proċedura miftiehma sabiex ikun żgurat li l-informazzjoni rilevanti tasal fuq bażi regolari u f'waqtha.
b. Ikun żgurat, għal skop ta' ċertifikazzjoni li s-CA tkun irċeviet d-dokumentazzjoni ta' sostenn kollha meħtieġa inkluż l-informazzjoni rilevanti aġġornata fir-rigward tar-riżultati tal-verifiki tal-ġestjoni tal-ewwel livell mill-MA u l-IBs tagħha u r-rapporti tal-awditjar mill-AA jew mill-korpi tal-UE.
c. Tkun żgurata reviżjoni sistematika, f'waqtha u dokumentata tar-rapporti mfassla mill-MA u l-IB(s) tagħha dwar il-progress tal-implimentazzjoni, inkluża reviżjoni tar-riżultati tal-verifiki tal-ġestjoni tal-ewwel livell qabel ma ssir id-dikjarazzjoni tan-nefqa lill-Kummissjoni.
d. Tkun żgurata reviżjoni sistematika, f'waqtha u dokumentata tar-rapporti tal-awditjar kollha rilevanti li jkunu waslu u jiġu meqjusa r-riżultati tal-awditjar qabel ma ssir id-dikjarazzjoni tan-nefqa lill-Kummissjoni.
e. Ikun żgurat li r-riżultati tal-eżaminazzjonijiet tal-verifiki tal-ewwel livell u r-rapporti tal-awditjar jitqiesu b'mod xieraq biex tintlaħaq konklużjoni dwar jekk hemmx bażi biżżejjed sabiex ikun ikkonfermat li l-infiq li jkun qed jiġi ċċertifikat huwa legali u regolari.

10.2. Il-proċeduri bil-miktub għandhom jinkludu l-verifiki dettaljati, ir-responsabbiltajiet ċari u l-fluss tax-xogħol għall-proċess kollu taċ-ċertifikazzjoni inkluża l-validazzjoni adegwata b'rispett lejn il-"prinċipju tal-erba' għajnejn" u s-superviżjoni tas-CA fuq il-kontribut tal-IB(s) tagħha għal dan il-proċess ta' ċertifikazzjoni.

**Rekwiżit prinċipali 11: Jinżammu rekords kompjuterizzati xierqa tal-infiq iddikjarat u tal-kontribuzzjoni pubblika korrispondenti.**

(L-Artikolu 126(d), (g) tas-CPR)

Il-Kriterji ta' valutazzjoni:

11.1. Ir-rekords kontabilistiċi adegwati tal-infiq iddikjarat lill-Kummissjoni jinżammu f'forma kompjuterizzata.

11.2. Ikun hemm fis-seħħ proċeduri adegwati sabiex jinżammu rekords kompjuterizzati li huma preċiżi u kompluti tal-infiq ippreżentat għaċ-ċertifikazzjoni mill-MA inkluż il-kontribuzzjoni pubblika korrispondenti mħallsa lill-benefiċjarji.

11.3. Ikun żgurat rekord tal-awditjar adegwat billi jiġu rreġistrati u maħżuna f'forma kompjuterizzata, ir-rekords kontabilistiċi ta' kull operazzjoni u li jsostnu d-dejta kollha meħtieġa għat-tfassil tal-applikazzjonijiet għal ħlas u l-kontijiet. Ir-rekord tal-awditjar fis-CA għandu jippermetti r-rikonċiljazzjoni tal-infiq iddikjarat lill-Kummissjoni mad-dikjarazzjonijiet tan-nefqa li jaslu mill-MA u l-IBs.

**Rekwiżit prinċipali 12: Rendikont xieraq u komplut tal-ammonti rekuperabbli, dawk irkuprati u dawk irtirati.**

(L-Artikoli 72(h), 137(1)(b), 137(2) tas-CPR)

Il-Kriterji ta' valutazzjoni:

12.1. Ikun hemm fis-seħħ proċeduri adegwati u effettivi sabiex tinżamm evidenza preċiża u kompluta tal-ammonti rtirati u rkuprati matul is-sena fiskali, l-ammonti li jridu jiġu rkuprati fl-aħħar tas-sena fiskali, l-irkupri mwettqa skont l-Artikoli 72(h) u 137(1)(b) tas-CPR, u li l-ammonti irrekuperabbli ppreżentati fil-kontijiet jikkorrispondu mal-ammonti mdaħħla fis-sistemi kontabilistiċi.

12.2 Jinżammu rekords kontabilistiċi xierqa bħala evidenza li n-nefqa ġiet eskluża mill-kontijiet skont l-Artikolu 137(2) tas-CPR, fejn ikun applikabbli, u li l-korrezzjonijiet kollha meħtieġa huma riflessi fil-kontijiet għas-sena fiskali kkonċernata.

**Rekwiżit prinċipali 13: Proċeduri xierqa għat-tfassil u ċ-ċertifikazzjoni tal-kompletezza, il-preċiżjoni u l-veraċità tal-kontijiet**

(L-Artikoli 72(h), 126 (b),(c) u (h), 137 tas-CPR, l-Artikolu 59(5)(a) tar-Regolament Finanzjarju)[5]

Il-Kriterji ta' valutazzjoni:

13.1. Ikun hemm fis-seħħ proċeduri xierqa għat-tfassil u ċ-ċertifikazzjoni tal-kompletezza, il-preċiżjoni u l-veraċità tal-kontijiet u li jiżguraw li l-infiq li jkun iddaħħal fil-kontijiet ikun konformi mal-liġi applikabbli u jkun sar fir-rigward ta' operazzjonijiet magħżula għal finanzjament skont il-kriterji applikabbli għall-programm.

13.2. Proċeduri adegwati li jiżguraw li l-infiq imdaħħal fil-kontijiet jikkorrispondi mal-ħlasijiet interim iddikjarati fis-sena fiskali wara l-korrezzjonijiet ta' kwalunkwe żball klerikali u t-tnaqqis tal-ammonti kollha irregolari li jiġu identifikati permezz tal-verifiki tal-ġestjoni u l-awditi u li ġew irtirati jew irkuprati f'dik is-sena fiskali, u wara l-irtirar temporanju ta' kwalunkwe nefqa li tkun taħt valutazzjoni minħabba l-eġibbiltà tagħha fil-mument tat-tfassil tal-kontijiet.

[5] Il-gwida dwar il-kontijiet għandha wkoll tiġi meqjusa, fejn applikabbli.

